# Taf xi jfissru dawn?

## ĦLIEFA

Il-qoxra ta' ġewwa tal-qamħ, il-ful tal-miżwed, il-karawett u xi frott bħall-għeneb. Għandna l-espressjoni *'ħa l-qamħ u ħalla l-ħliefa'*, li tfisser ħa l-aħjar u l-agħar ħallieh għal ħaddieħor.



## XKATTAPIETRA

Pjanta li kienet tintuża bħala mediċina. Peress li l-għeruq tal-pjanta għandhom is-saħħa li jkissru l-blat, fl-imgħoddi kienu jeħduha biex tneħħi l-ġebla mill-kliewi u l-marrara.



## FIRILLA

Opra tal-baħar ftit iżgħar minn luzzu. Il-poppa u l-pruwa jkunu ġejjin it-tnejn għall-ponta. Tintuża ħafna għas-sajd mhux bogħod mill-art, fid-daħliet u l-portijiet u billi tkun baxxa mill-ġnub is-sajjied ikun qrib ħafna wiċċ il-baħar.

## BALDAKKIN

Tinda magħmula mid-damask li tintrefa' minn erba' jew sitt irġiel. Tintuża waqt il-festi tal-Ewkaristija, bħal Korpus, meta s-Sagrament jinżamm taħtu. Fl-imgħoddi kien jintuża wkoll mill-għarajjes fil-festa tat-tieġ.

## BEKBIEKA

Reċipjent għall-inbid li ftit 'l isfel mill-għonq jkollu għatu tal-fuħħar mimli bit-toqob. Ħadet isimha minħabba li meta joħroġ l-inbid minnha, joħroġ bil-mod mit-toqob u jagħmel ħoss ta' *bekk, bekk, bekk.*

lehhilmalti@gmail.com LEĦĦ IL-MALTI lehhilmalti@gmail.com

# Nistaqsi biex nikteb Malti sew





## X'nikteb **tiela'** jew **tielgħa**, **mxebba'** jew **mxebbgħa**?

Iż-żewġ pari ta' kliem t'hawn fuq jistgħu jinkitbu. Għalkemm jinstemgħu l-istess, ma tistax tużahom minflok xulxin, għax tal-ewwel huma l-maskil u tat-tieni huma l-femminil.

Dawn iż-żewġ forom jiġu ppronunzjati l-istess għaliex l-**għ** tilfet leħinha u ma tinstemax. Għalhekk nistgħu nitfixklu fejn inpoġġuha. Imma anke hawn nistgħu nieħdu mudell. Jekk nieħdu kelma oħra bl-istess forma imma li għandha konsonanti oħra, ngħidu aħna l-**l** minflok l-**għ**, malajr nindunaw fejn hu postha. Mela, minflok **tela'** (**T-L-GĦ**), **xeba'** (**X-B-GĦ**) nużaw **daħal** (**D-Ħ-L**) u l-kliem bil-**Għ** nibnuh fuqu.

La ngħidu: ***Mark dieħel*** (għax raġel) ***u Anna dieħla*** (għax mara) niktbu: ***Mark tiela' u Anna tielgħa.*** U la ngħidu: ***Samwel imdaħħal*** (mask.) ***u Marija mdaħħla*** (fem.) mela niktbu: ***Samwel imxebba' u Marija mxebbgħa.*** Mela fejn tiġi l-**l** niktbu minflokha l-**għ** (jew **'** ).

Addattament mir-rivita **L-Aċċent**,
rivista maħruġa mid-Dipartiment tal-Ilsien Malti tal-Unjoni Ewropea



leħħ il-Malti
nitgħallmu u nikbru flimkien fit-tagħlim tal-lingwa Maltija

**Folja elettronika b'tagħrif lingwistiku, ortografiku, grammatikali u kulturali dwar il-lingwa Maltija maħruġa mid-Dipartiment tal-Malti fi ħdan il-Kulleġġ San Injazju sabiex il-lingwa tagħna tingħata l-valur li jistħoqqilha. Kull suġġeriment u/jew diffikultà huma ġentilment milqugħa fuq *lehhilmalti@gmail.com***